



## Stqarrija għall-Istampa

Biex tinħareġ minnufih  
Il-Lussemburgu, il-15 ta' Settembru 2015

### "Għad fadal xi jsir fir-rigward tal-indirizzar ta' problemi tal-akkwist pubbliku", jgħidu l-awdituri tal-UE

Problemi mifruxa jippersistu fil-mod kif l-awtoritajiet pubbliċi madwar l-UE jikkuntrattaw ix-xogħol, skont rapport ġdid tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Għalkemm il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri bdew jindirizzaw il-problema, għad fadal xi jsir, jgħidu l-Awdituri. Jekk is-sitwazzjoni ma tkunx tjiebet sa tmiem is-sena d-dieħla, l-2016, huma jirrakkomandaw li l-pagamenti għall-2014-20 lill-Istati Membri kkonċernati għandhom jiġu sospiżi.

Bejn l-2007 u l-2013, ġew allokati EUR 349 biljun għall-infiq fil-qasam tal-politika reġjonali permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew. Parti sinifikanti minn dawn il-flus tintnefaq permezz tal-akkwist pubbliku. Żbalji relatati mal-akkwist pubbliku nqabdu f'madwar 40 % tal-proġetti, li fihom l-akkwist pubbliku ġie awditjat matul il-perjodu tar-Rapporti Annwali tal-Qorti tal-Awdituri għas-snin 2009 sa 2013. Żbalji serji rriżultaw f'nuqqas a' kompetizzjoni ġusta u fl-għoti ta' kuntratti lil dawk li ma kinux l-aħjar offerenti. L-Awdituri tal-UE vvalutaw jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri kinux qed jieħdu azzjoni effettiva biex jindirizzaw dawn il-problemi.

Huma żaru r-Repubblika Ċeka, Spanja, l-Italja u r-Renju Unit, uħud mill-Istati Membri li fihom kienu nqabdu għedud kbar ta' żbalji fl-akkwist pubbliku mill-Qorti matul is-snin 2009 sa 2013. Huma sabu li l-Kummissjoni u l-Istati Membri kienu bdew jindirizzaw il-problema, iżda li għad fadal xi jsir f'termini kemm tal-analiżi tal-problema kif ukoll tat-teħid ta' azzjoni effettiva. Pereżempju, l-analiżi sistematika hija limitata ħafna u hemm nuqqas, kemm fil-Kummissjoni kif ukoll fl-Istati Membri, ta' data dettaljata b'mod suffiċjenti, robusta u koerenti dwar in-natura u l-estent tal-iżbalji.

"Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtieġu li jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jittrattaw l-għedud kbar ta' żbalji fl-akkwist pubbliku li jseħħu fl-infiq tal-UE kull sena", **jgħid Phil Wynn Owen, il-Membru tal-Qorti tal-Awdituri responsabbli għar-rapport.** L-Awdituri jappellaw biex grupp ta' livell għoli jiġi stabbilit biex jipprovdi tmexxija fl-indirizzar tal-iżbalji fl-akkwist pubbliku u biex jippromwovi s-simplifikazzjoni. Barra minn hekk, il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għandu jiġi ppubblikat u l-progress għandu jiġi rrappurtat kull sena. Huma jirrakomandaw ukoll li l-Kummissjoni u l-Istati Membri janalizzaw bis-sħiħ il-frekwenza, is-serjetà u l-kawżi ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni.

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu)*

## ECA Press

Mark Rogerson – Spokesperson T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 621 55 30 63

Damijan Fišer – Press Officer T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditorsECA Youtube: [EUAuditorsECA](https://www.youtube.com/EUAuditorsECA) [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

L-Awdituri sabu xi prattika tajba fejn l-Istati Membri kienu bdew jiġbru informazzjoni b'mod sistematiku dwar l-iżbalji fl-akkwist pubbliku. Barra minn hekk, fl-2013, il-Kummissjoni stabbiliet grupp ta' ħidma tekniku biex jindirizza l-kwistjoni u fasslet pjan ta' azzjoni. Madankollu, il-biċċa kbira mill-azzjonijiet fil-pjan għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ.

L-Awdituri nnutaw li, fil-bidu tal-2015, il-Kummissjoni kienet invaluat li għadd ta' Stati Membri kienu għadhom ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-akkwist pubbliku fil-perjodu ta' nfiq mill-2014 sal-2020. Dawn il-kundizzjonijiet huma meqjusa bħala prerekwiżiti meħtieġa għal użu effettiv u effiċjenti tal-appoġġ tal-UE. L-Awdituri jirrakkomandaw li, jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jkunux qed jiġu ssodisfati sa tmiem l-2016, il-Kummissjoni għandha tissospendi l-pagamenti għall-2014-20 lill-Istati Membri kkonċernati, sa meta huma jkunu rrettifikaw in-nuqqasijiet.

#### **Noti lill-edituri:**

L-awditu kopra l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u l-Istati Membri mill-2009 sal-2014 biex tiġi indirizzata l-problema ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku. L-Awdituri żaru erba' Stati Membri (ir-Repubblika Ċeka, Spanja, l-Italja, u r-Renju Unit), li fihom kienu nqabdu għedud kbar ta' iżbalji fl-akkwist pubbliku fl-awditi tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti għall-2009-2013. Huma wettqu stħarriġ ta' 115-il Awtorità tal-Awditjar f'27 Stat Membru (li ma jinkludux il-Kroazja) responsabbli għall-programmi operazzjonali ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew. Huma bagħtu wkoll stħarriġ żgħir lit-28 istituzzjoni Nazzjonali tal-Awditjar fl-UE.